MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 357/2004

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Angela Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Frar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' mitejn u u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm273.00) liema somma hija dovuta in kwantu ghas-somma ta' miejn u sittin lira Maltin (Lm260.00) bhala prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata u in kantu ghas-somma ta' tlettax il-lira Maltin (Lm13.00) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenuta fuq l-istess sad-data tal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mil-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm273.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------